31993D0140

L 56/42 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.3.1993

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Jannar 1993

li tippreskrivi regoli dettaljati rigward l-ispezzjoni viżiva għall-iskop tas-sejbien ta' parassiti fil-prodotti tas-sajd

(93/140/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], u partikolarment il-Kapitolu IV, taqsima V, punt 1 ta' l-Anness tagħha,

Billi d-Direttiva 91/493/KEE tipprovdi l-ħtiġiet li jikkontrollaw verifiki tal-parassiti matul it-tqandil ta' prodotti tas-sajd l-art jew abbord bastimenti fabbrika;

Billi jiddipendi fuq dawk li jaħdmu fis-settur tas-sajd li jagħmlu l-verifki tagħhom fl-istadji kollha ta' produzzjoni tal-prodotti tas-sajd skond ir-regoli preskritti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/493/KEE biex ħut li huwa ovjament infestat bil-parassiti ma jkunx rilaxxat għall-konsum tal-bniedem;

Billi bis-saħħa tal-Kapitolu I, taqsima II, punt 5 ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE l-istess regoli għandhom japplikaw għal stabbilimenti l-art u bastimenti fabbrika;

Billi l-adozzjoni ta' regoli dettaljati rigward l-ispezzjonijiet viżivi timplika li l-kunċetti ta' parassiti visibbli u spezzjoni viżiva għandhom jitfissru, u li n-natura u l-frekwenza ta' l-osservazzjonijiet li għandhom isiru għandhom ikunu determinati;

Billi il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

1. *parassita viżibbli* tfisser parassita jew grupp ta' parassiti li jkollhom dimensjoni, kulur jew nisġa li tintgħaraf b'mod ċar mit-tessuti tal-ħut;
2. *spezzjoni viżiva* tfisser eżami mhux distruttiv ta' ħut jew prodotti tas-sajd mingħajr mezzi ta' tkabbir ottiku u taħt kondizzjonijiet ta' dawl tajba għall-viżjoni tal-bniedem, inkluż jekk meħtieġ, eżami kontra dawl.

Artikolu 2

1. L-ispezzjoni viżiva għandha ssir fuq numru rappreżentattiv ta' kampjuni.

2. Il-persuni responsabbli ta' stabbilimenti fuq l-art u persuni kwalifikati abord bastimenti fabbrika għandhom jiddeterminaw l-iskala u l-frekwenza ta' l-ispezzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 b'riferenza għan-natura tal-prodotti tas-sajd, l-oriġin ġeografika u l-użu tagħhom.

Artikolu 3

Matul il-produzzjoni għandha ssir minn persuni kwalifikati l-ispezzjoni viżiva ta' ħut svixxerat fil-kavità abdominali u l-ifwda u l-bajd maħsuba għall-konsum tal-bniedem Skond is-sistema ta' svixxerament użat, l-ispezzjoni viżiva għandha ssir:

1. fil-każ ta' l-isvixxerament manwali, b'mod kontinwu mill-operatur fil-ħin ta' l-isvixxerament u l-ħasil;
2. fil-każ ta' svixxerament mekkaniku, billi jittieħed kampjun ta' numru rappreżentattiv ta' kampjuni li ma jkunux anqas minn 10 ħutiet kull lott.

Artikolu 4

L-ispezzjoni viżiva ta' filetti tal-ħut jew biċċiet tal-ħut għandha issir minn persuni kwalifikati matul t-tindif waqt l-iffilettjar jew tqattigħ. Meta eżami individwali mhux possibbli, minħabba d-daqs tal-filetti jew l-operazzjonijiet ta' l-iffilettjar, pjan tal-kampjunatura għandu jsir u jiżamm disponibbli għall-awtorità kompetenti skond id-dispożizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/493/KEE. Meta jkun possibbli mil-lat tekniku l-eżami kontra d-dawl tal-filetti, għandu jkun inkluż fil-pjan tal-kampjunatura.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, fid-19 ta' Jannar 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.